

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Mejju 2018

dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

(2018/C 195/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri komuni u l-prinċipji ġenerali tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, stipulati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għan tal-Unjoni hu li żżomm u tippromwovi l-valuri tagħha.
- (2) Ispirata minn dawn il-valuri, l-Unjoni rnexxielha tgħaqquad pajjiżi, komunitajiet u nies flimkien fi proġett politiku uniku, li wassal għall-itwal perijodu ta' paċi fl-Ewropa, u li min-naħa tiegħu rawwem stabbiltà soċjali u prosperità ekonomika. L-adozzjoni mill-Istati Membri tal-valuri stabbiliti fit-Trattat toħloq bażi komuni li tiffirma l-karatteristika distinta tal-istil ta' haġja u tal-identità Ewropej, u tagħti post lill-Unjoni fix-xena globali.
- (3) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qed iħabbtu wiċċhom ma' varjetà ta' sfidi, inkluż il-populiżmu, il-ksenofobija, in-nazzjonaliżmu diviżiv, id-diskriminazzjoni, it-tixrid ta' aħbarijiet foloz u ta' informazzjoni qarrieqa kif ukoll l-isfida tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti. Dawn il-fenomeni jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sisien tad-demokrazija tagħna, idgħajfu l-fiduċja fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jfixklu s-sens komuni ta' appartenenza fis-soċjetajiet Ewropej tagħna u bejniethom.
- (4) In-nuqqas ta' għarfien dwar l-oriġini tal-Unjoni, ir-raġunijiet għall-ħolqien tagħha u l-funzjonament bażiku tagħha jiffavorixxu l-informazzjoni qarrieqa u ma jħallux li jiġu fformati opinjonijiet infurmati dwar l-azzjonijiet tagħha. L-għarfien dwar id-diversità tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jappoġġa r-rispett, il-fehim u l-kooperazzjoni reċiproċi fl-Istati Membri u bejniethom.
- (5) L-edukazzjoni fit-tipi kollha tagħha u fil-livelli kollha u minn età bikrija għandha rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-valuri komuni. Din tgħin biex tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali billi tipprovdil lil kull wild b'possibbiltà ugwali u b'opportunitajiet ġusti li jirnexxi. Tipprovdil l-opportunitajiet biex isiru ċittadini attivi u konxji b'mod kritiku, u żżid il-fehim tal-identità Ewropea.
- (6) Fil-laqgħa tal-Aġenda tal-Mexxeġja li saret f'Novembru 2017 f'Gothenburg, il-mexxeġja Ewropej iddiskutew l-importanza tal-edukazzjoni u l-kultura għall-futur tal-Ewropa. Hija u tinforma dan id-dibattitu, il-Kummissjoni ppreżentat il-viżjoni tagħha għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u ppropriet għadd ta' inizjattivi fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura ⁽¹⁾", li tistipula li "it-tisħiħ tal-identità Ewropea tagħna għadu essenzjali u l-edukazzjoni u l-kultura huma l-aħjar mezzi sabiex dan jiġi żgurat".

⁽¹⁾ COM(2017) 673 final

- (7) Wara l-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2017 enfasizza li l-edukazzjoni u l-kultura huma kruċjali għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi, u biex isostnu l-kompetittività tagħna ⁽¹⁾.
- (8) Wieħed mill-għanijiet tal-qafas ET2020 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽²⁾, jiġifieri li jiġu promossi l-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva, ġie stabbilit abbażi tal-fatt li jenħtieġ li l-edukazzjoni tippromwovi l-kompetenzi interkulturali, il-valuri demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u razzizzmu, u li t-tfal, iż-żgħażaġh u l-adulti jiġu mogħnija biex jinteraġixxu b'mod pożittiv ma' sħabhom li ġejjin minn ambjenti differenti.
- (9) Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi adottata fis-17 ta' Marzu 2015 mill-Ministri tal-edukazzjoni Ewropej indikat l-impenn mill-Istati Membri biex jippromwovu l-valuri komuni, ikejbu kemm il-ħsieb kritiku u l-litterizzmu medjatiku kif ukoll l-edukazzjoni inklużiva u d-djalogu interkulturali. It-tweġibiet għal konsultazzjoni pubblika fl-UE kollha ⁽³⁾ juru biċ-ċar li jenħtieġ li tiġi promossa l-edukazzjoni inklużiva. 16 % biss ta' dawk li wiegħbu jħossu li l-edukazzjoni diġà qed tikseb dan l-għan; filwaqt li 95 % iħossu li jenħtieġ li l-edukazzjoni tgħin liż-żgħażaġh jifhmu l-importanza tal-valuri komuni u li jenħtieġ li l-Unjoni tgħin lill-Istati Membri jiksbu dan il-kompitu (98 %).
- (10) S'tħarriġ tal-2017 ta' Eurydice dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza fl-Iskola fl-Ewropa juri li l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza attwalment tinsab fiċ-ċentru tal-attenzjoni f'għadd ta' pajjiżi Ewropej. Madankollu, kważi nofs il-pajjiżi għad ma għandhomx politiki dwar l-inklużjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza fit-taħriġ inizjali tal-għalliema. Għalhekk, jenħtieġ li l-għalliema jingħataw l-appoġġ u s-setgħa permezz ta' miżuri għall-ħolqien ta' kultura u ta' ambjent ta' taġħlim miftuħ u li jitrattaw diversi gruppi ta' taġħlim biex jgħallmu l-kompetenzi ċiviċi, jitrażmettu l-wirt komuni tal-Ewropa, jippromwovu l-valuri komuni u jaġixxu bħala mudelli għall-istudenti.
- (11) Ir-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremizzmu vjolenti tibqa' problema kbira f'bosta Stati Membri. Il-promozzjoni tal-valuri komuni bħala vettur tal-koeżjoni u l-integrazzjoni soċjali, anke permezz tal-politiki edukattivi, hija parti integrali tas-soluzzjoni. Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, fl-Lulju tal-2017 il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Radikalizzazzjoni ⁽⁴⁾ biex jidentifika l-miżuri ta' appoġġ, anke fl-edukazzjoni.
- (12) L-aktar riżultati reċenti tal-istħarriġ ta' PISA u l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2017 jenfasizzaw ir-rabta bejn l-inugwaljanzi edukattivi u l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Id-data ta' PISA turi li l-istudenti li ġejjin minn familji ifqar għandhom tliet darbiet iżjed ċans li jmorru agħar mill-kontropartijiet aktar sinjuri tagħhom u li l-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni għandhom ċans aktar mid-doppju li jiksbu livell baxx minn studenti oħrajn. Biex tiġi evitata l-marġinalizzazzjoni taż-żgħażaġh, huwa kruċjali li jkun hemm sistemi edukattivi inklużivi u ekwitabbli li jrawmu soċjetajiet koeżivi u jstabbilixxu s-sisien għal ċittadinanza attiva u jtejbu l-impjegabbiltà.
- (13) L-Istudju Internazzjonali tal-2016 dwar l-Edukazzjoni Ċivika u l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi jissuġġerixxi li l-identitajiet nazzjonali u Ewropej jistgħu jikkoeżistu b'mod pożittiv u ma jikkontradixxux lil xulxin. L-istudju juri wkoll li l-istudenti b'livelli ogħla ta' għarfien ċiviku kellhom it-tendenza wkoll li jkunu studenti li jesprimu attitudnijiet aktar tolleranti.
- (14) L-istħarriġ tal-Ewrobarometru enfasizza livell notevolment baxx ta' għarfien dwar l-Unjoni. Skont s'tħarriġ tal-opinjoni tal-2014, 44 % tan-nies tħoss li għandha fehim limitat ta' kif taħdem l-Unjoni, filwaqt li s'tħarriġ tal-2011 juri li maġġoranza relattiva tħoss li mhijiex infurmata sew dwar l-Unjoni Ewropea. L-istess studju żvela wkoll li terz tan-nies ma tafx eżattament kemm hemm Stati Membri fl-Unjoni. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2017 juri li 89 % taż-żgħażaġh Ewropej jaqblu li l-gvernijiet nazzjonali għandhom isaħħu l-edukazzjoni fl-iskejjel dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-aktar s'tħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru juri li 35 % ta' dawk li wiegħbu jqsu li l-istandards edukattivi komparabbli huma l-aktar utli għall-futur tal-Ewropa.

⁽¹⁾ EUCO 19/1/17 REV 1

⁽²⁾ Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET 2020) — Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25).

⁽³⁾ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (2018) 13 final

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2017 dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar ir-radikalizzazzjoni (ĠU C 252, 3.8.2017, p. 3).

- (15) F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex ikomplu jimplimentaw l-għanijiet kollha tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015. Huwa partikolarment importanti li jkomplu jiġu promossi l-valuri komuni bħala vetturi ta' koeżjoni u inklużjoni, tiġi favorita l-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' taġlim parteċipattivi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, jitjeb it-taħriġ għall-għalliema dwar iċ-ċittadinanza u d-diversità u jitjiebu l-ħiliet dwar il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku tal-istudenti kollha.
- (16) L-aċċess ugwali u effettiv għall-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għall-istudenti kollha, inklużi dawk b'oriġini ta' migrazzjoni, dawk minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk bi bżonnijiet speċjali u dawk b'diżabilitajiet - f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità - huwa indispensabbli biex jinkisbu soċjetajiet aktar koeżivi. F'dan l-isforz, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-istrumenti eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Ewropa Kreattiva, l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta u Orizzont 2020, kif ukoll il-gwida u l-għarfien espert tal-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva.
- (17) Il-programm Erasmus+ juri li l-mobilità u l-kuntatti transkonfinali huma mod effiċjenti kif wieħed jesperjenza l-identità Ewropea. Huwa essenzjali li l-kategoriji kollha ta' studenti fl-Ewropa kollha jibbenefikaw bl-istess mod mill-opportunitajiet li joffri dan il-programm; b'mod partikolari permezz ta' skambji skolastiċi bejn l-Istati Membri. Il-mobilità virtwali, speċjalment permezz tan-netwerk e-twinning, hija għodda eċċellenti li tippermetti l-kuntatt dirett bejn l-istudenti, u fis-snin li ġejjin għandha tintuża fuq skala akbar flimkien mal-mobilità fiżika.
- (18) Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' dimensjoni Ewropea tat-taġlim tgħin biex l-istudenti jesperjenzaw identità Ewropea fid-diversità kollha tagħha u biex issaħħaħ is-sens pożittiv u inklużiv ta' appartenenza Ewropea, li tikkomplementa l-identitajiet u t-tradizzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom. Din hija importanti wkoll biex tip-promwovi fehim aħjar kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri tagħha.
- (19) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjeta u tal-proporzjonalità. Il-kontenut ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-inizjattivi nazzjonali eżistenti f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fis-sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni ċivika,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Jenħtieġ li l-Istati Membri:

Jippromwovu l-valuri komuni

1. iżidu l-iskambju tal-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea minn età bikrija u fil-livelli u fit-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'perspettiva tul il-ħajja biex isaħħu l-koeżjoni soċjali u sens komuni pożittiv u inklużiv ta' appartenenza fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni.
2. ikomplu jimplimentaw l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, b'mod partikolari permezz ta':
 - (a) il-promozzjoni ta' edukazzjoni attiva dwar iċ-ċittadinanza u l-etika kif ukoll klima ta' klassi miftuħa biex trawwem attitudnijiet tolleranti u demokratiċi, u kompetenzi soċjali, ta' ċittadinanza u interkulturali;
 - (b) it-titjib tal-ħsieb kritiku u tal-litteriżmu tal-media, b'mod partikolari fl-użu tal-Internet u tal-media soċjali, biex tinholq kuxjenza dwar ir-riskji marbuta mal-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni u biex jintuża ġudizzju tajjeb;
 - (c) l-użu ta' strutturi eżistenti u, fejn meħtieġ, l-iżvilupp ta' strutturi ġodda li jippromwovu l-parteeipazzjoni attiva tal-għalliema, tal-ġenituri, tal-istudenti u tal-komunità inġenerali fl-iskejjel; u
 - (d) l-appoġġ tal-opportunitajiet għall-parteeipazzjoni demokratika taż-żgħażagħ u l-involvement attiv, kritikament konxju u responsabbli tal-komunità.
3. l-użu b'mod effettiv tal-għodod eżistenti għall-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, bħall-qafas tal-Kompetenzi għal Kultura Demokratika tal-Kunsill tal-Ewropa.

Jipprovdu edukazzjoni inklużiva

4. jippromwovu l-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha, b'mod partikolari billi:
 - (a) jinkludu lill-istudenti kollha f'edukazzjoni ta' kwalità mit-tfulija u tul il-ħajja;

- (b) jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għall-istudenti kollha skont il-ħtiġijiet partikolari tagħhom, inkluż dawk li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni, dawk bi bżonnijiet speċjali u lill-istudenti bl-akbar talent;
 - (c) jiffaċilitaw it-transizzjoni bejn il-livelli u l-mogħdijiet differenti tal-edukazzjoni u jippermettu l-għoti ta' gwida adegwata għall-edukazzjoni u l-karriera.
5. jużaw b'mod effettiv l-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, fuq bażi volontarja, biex jimplimentaw u jimmonitorjaw l-approċċi inklużivi ta' suċċess fis-sistemi edukattivi tagħhom.

Jippromwovv dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

6. jippromwovv dimensjoni Ewropea tat-tagħlim billi jħeġġu:
- (a) fehim tal-kuntest, il-patrimonju u l-valuri komuni Ewropej u sensibilizzazzjoni tal-unità u d-diversità soċjali, kulturali u storiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tal-Unjoni;
 - (b) fehim tal-orijġini, tal-valuri u tal-funzjonament tal-Unjoni;
 - (c) il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-għalliema fin-netwerk e-Twinning, fil-mobilità transkonfinali u fi proġetti transnazzjonali, speċjalment għall-iskejjel;
 - (d) proġetti fil-livell lokali biex tinħoloq kuxjenza u jitjeb il-fehim dwar l-Unjoni Ewropea f'ambjenti ta' tagħlim, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni diretta maż-żgħażaġh, bħaċ-ċelebrazzjoni annwali, fuq bażi volontarja, ta' "Jum l-Unjoni Ewropea" f'ambjenti ta' tagħlim.

Jappoġġaw il-persunal edukattiv u t-tagħlim

7. jippermettu lill-persunal edukattiv li jippromwovv l-valuri komuni u jipprovdu edukazzjoni inklużiva, permezz ta':
- (a) miżuri li jagħtu setgħa lill-persunal edukattiv biex jgħinuhom iwasslu l-valuri komuni, jippromwovv ċ-ċittadinanza attiva filwaqt li jittrażmettu sens ta' appartenenza u jwieġbu għall-ħtiġijiet differenti tal-istudenti; u
 - (b) jippromwovv edukazzjoni inizjali u kontinwa, skambji u attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u ta' konsulenza bejn il-pari kif ukoll gwida u mentoraġġ għal persunal edukattiv.

Jimplimentaw miżuri

8. jirrieżaminaw, u fejn ikun meħtieġ, itejbu politiki u prattiki eżistenti fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim mhux formali sabiex jagħixxu fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet;
9. jidentifikaw ħtiġijiet u jsaħħu l-involvement pubbliku, bl-użu ta' data eżistenti jew, jekk meħtieġ, bil-ġbir ta' data ġdida bil-ħsieb li jitjeb it-tfassil tal-politika infurmat fuq l-evidenza dwar id-dimensjonijiet soċjali u ċiviċi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
10. ikomplu jikkollaboraw fl-oqfsa ta' kooperazzjoni strateġika tal-UE fl-oqfsa tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh, l-isport u l-kultura permezz tat-tagħlim bejn il-pari, il-konsulenza bejn il-pari u l-iskambju ta' prattiki tajba bil-għan li jippromwovv l-valuri komuni;
11. jużaw b'mod effettiv l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Ewropa Kreattiva, l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u Orizzont 2020 bil-għan li jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

12. tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni bl-għodod u bl-istrumenti ta' finanzjament disponibbli, bħall-programm Erasmus+, b'mod partikolari permezz tal-mobilità tat-tagħlim fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, b'enfasi fuq l-iskejjel, fuq programmi transnazzjonali, in-netwerk e-Twinning kif ukoll l-attivitajiet Jean Monnet;
13. tappoġġa r-riformi politiki nazzjonali u reġjonali u tipprattika t-titjib permezz tal-qafas ET2020 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ u kwalunkwe qafas suċċessur;

14. fejn meħtieġ, tiżviluppa u tagħmel rieżami regolari tad-dokumenti ta' gwida u tal-għodda ta' referenza Prattika għal dawk li jfasslu l-politika u għall-prattikanti u tappoġġa r-riċerka u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-għarfien;
15. tivvaluta u tevalwa l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-qafas ET2020, inkluż il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

K. VALCHEV
